# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Lulju, 2023**

**Rikors Numru: 29/2023 ISB**

**Wara l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 394/2023FDP fl-ismijiet:**

**Maria Laus (116735A)**

**Vs**

**W.A.Y.S Work in Malta Limited**

**Mahrug fid-9 ta' Marzu 2023**

**DAN HUWA DIGRIET MOGHTI IN CAMERA GHAR-RIKORS TA' MARY CYRILE LOPEZ (KI 0155993A) F'ISIMHA PERSONALI U IN RAPPREZENTANZA TAL-KUMPANNIJA W.A.Y.S WORK IN MALTA LIMITED (C-101194), MAGHMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 836(1) TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA.**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-Rikors** tal-21 ta' April 2021 pprezentat ai termini tal-Artiklu 836(1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn **Mary Cyrile Lopez (KI 0155993A) f'isimha personali u in rapprezentanza tal-kumpannija W.A.Y.S Work in Malta Limited (C-101194)**, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors talbet illi din il-Qorti joghgobha:

1) ***Tiddikjara** l-mandat bhala wiehed null u minghajr effett fil-ligi stante illi jmur kontra d-disposizzjonijiet mandatorji tal-artikoli 381(1) u 381(4) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2) ***Tirrevoka** in toto, jew sussidjarjament in parte, skond il-kaz, il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet u bin-numru premessi a tenur tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u dan taht dawk il-kondizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni, u dan stante illi l-ammont allegat mis-sekwestranti ma humx prima facie gustifikat u mhux minimament ippruvat bi prova dokumentarja.*

3) *Sussegwentament, **tordna** r-rilaxx tal-fond milquta mill-mandat lis-sidien proprji taghhhom, senjatament il-fondi fl-account intestat W.A.Y.S Work in Malta Limited Account BOV San Gwann account numru 5001747420 0 u l-kont f'isem Mary Curile Lopez fil-BNF plc Rabat Branch bin-numru 633798101;*

4) *Illi fil-kaz li din il-Qorti jidhrilha illi l-mandat ma ghandux jigi revokat, sussidjarjament, **tirrevoka** l-mandat fil-konfront tas-sekwestrata Marie Cyrile Lopez stante illi l-Mandat qieghed jolqot l-assi personali tal-istess sekwestrata;*

5) *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-espost, jekk din il-Qorti tkun tal-fehma illi ma ghandiex tilqa' t-talba tal-esponenti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi, **tordna** u **tikkundanna** lir-rikorrenti sabiex taghti, fi zmien stabbilit minn din il-Qorti, garanzija xierqa lill-esponenti ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' spejjes, danni u imghax ai termini tal-Artikolu 838A tla-KAP 12 u **tordna** li jekk tali garanziji ma tintghatax entro t-terminu, jitnehha l-Mandat.*

Rat **ir-Risposta** mressqa fit-23 ta' Gunju 2023 minn **Maria Laus** (detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 0116735A);

Rat l-atti ta' din il-procedura;

Rat kopja tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 394/2023, kif pprezentati mar-Rikors promotur;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti Mary Cyrile Lopez moghtija fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2023;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri;

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta’ Gunju 2023, ir-Rikors thalla ghal digriet *in camera* kif in effetti qed jinghata illum.

**Ikkunsidrat:**

<u>Sfond Fattwali:</u>

Fil-qosor, din il-proceduri ssegwi proceduri b’rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju datat 8 ta’ Marzu 2023 mressaq minn Maria Laus sekwestranti kontra l-hawnekk rikorrenti sekwestrata, liema Mandat ta’ Sekwestru kien milqugh fid-9 ta’ Marzu 2023.

Illi dak il-Mandat kawtelatorju ghas-somma ta’ sebghin elf Euro (€70,000) tressaq fuq il-pretensjoni u l-kawzali tas-sekwestranti mkfissra hekk: “*danni prezenti u futuri kkalkolati ai fini ta’ dan il-mandat naxxenti minn malgestjoni u abbuz flagranti u ksur lampanti tad-doveri fiducjarji imposti mill-Artikolu 1124A et seq tal-Kodici Civili u tad-doveri imposti skond l-Att dwar il-Kumpanniji, fosthom dawk imposti mill-artikolu 136A tal-istess Att dwar il-kumpanniji, ghal liema danni huma unikament responsabbli s-sekwestrati, u dan kif premess ahjar fir-rikors promotur ossia il-kawza li qed tigi ppresentat kontestwalment, bir-rizerva ta’ kull dritt iehor spettanti lis-sekwestranti*”.

Jirrizulta mill-istess kopja tal-atti pprezentati, illi kien hemm zewg sekwestratarji mit-tlettax msemmija, ossia, (a) Lombard Bank li ddikjara illi kien qed izomm kont f’isem Mary Cyrile Lopez li pero` lanqas kellu fondi bizzejjed biex ikopri l-ispejjes tad-depozitu fil-Qorti u (b) Transport Malta, li ddikjarat illi ma kelliex assi appartenenti lis-sekwestrati. Mhux maghruf is-sekwestratarji l-ohra jekk irrispondewx u jekk irrispondew, x’irrispondew, sal-mument tal-ghoti ta’ dan id-digriet.

Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-proceduri izizjali pendenti quddiemha, Rikors Nru 17/2023ISB, mibdija mill-hawnekk intimata sekwestranta kontestwalment mal-Mandat de quo, u jirrizulta illi bejn il-kontendenti hemm kawza a bazi tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mill-premessi hemmek maghmula jirrizulta illi s-socjeta’ kummercjali W.A.Y.S. Work in Malta Limited hija maghmula minn zewg azzjonisti ugwali, ossia, Maria Laus u Mary Cyrile Lopez. It-tnejn jidher ukoll illi huma diretturi, rapprezentanti legali u gudizzjali tal-imsemmija socjeta’.

Jirrizulta mill-premessi illi huma t-tnejn huma residenti Malta u meta fehmu illi seta' jkun hawn suq ghall-attivita' kummercjali ta' reklutagg ta' impjegati mill-Filippini jew pajjizi vicini gewwa Malta, huma nghaqdu f'din is-socjeta' kummercjali biex joffru servizzi ghal dawk li xtaqu isibu xoghol f'Malta.

Jidher illi sena biss wara li twaqqfet il-kumpannija, beda l-inkwiet u d-dizgwid bejn il-partijiet u jidher illi l-MBR irregistrat ir-rizenja ta' Maria Laus mill-ufficcji kollha tal-kumpannija li kienet tokkupa. L-istess Laus nghatat kopja ta' rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ghal dan il-ghan mill-*accountant* tal-kumpannija u tallega illi hemmek intebhet illi kienet giet falsifikata il-firma taghha. Hija tghid illi hadet il-passi mal-MBR u dawn minn naha taghhom, regghu irregistrawha.

Is-Sekwestranta, fil-kawza tallega illi hija anke giet itterminata mill-impjieg taghha mas-socjeta' W.A.Y.S u nqata' kull access illi hija kellha mal-Identity Malta u l-Banek. Konsegwentament tallega illi s-sekwestrata qed tuza l-facilitajiet kollha tal-kumpannija ghaliha waheda, u mhu tinghata ebda informazzjoni lis-sekwestranta.

Il-Qorti rat u hadet konjizzjoni tar-rapport annwali finanzjarju (draft) illi gie esebit mir-rikorrenti ghas-sena 2022 fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2023, DOK MCP 1 u minnu jirrizulta illi ghal dik l-ewwel sena ta' operazzjoni jidher illi kien hemm profitt nett ta' madwar seba' u tletin elef Euro (€37,000).

Finalment, il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tad-dikjarazzjoni maghmula mis-sekwestranti fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2023 fil-kawza fil-mertu meta ntqal:

> *The defendant Mary Cyrile Lopez declares that the company stopped fuinctioning as of the begining of June 2023, particulalry following the resignation of the HR personel, but she is seeing to certain queries which arise from day to day particulalry in relation to her duty as director of the company.*

Fil-fatt, fix-xhiedha taghha tas-26 ta' Gunju 2023, hija tghid illi "*we can no longer continue dealing with other clients or employers because of the situaiton*". Il-quddiem hi tghid illi "*the HR manager already resigned due to the fact that it is actually a choas...... Plus some of the employees already resigned from Ways because of the situation*". Aktar tghid tghid espressament illi "*we are not working*".

Illum:

Illum l-odjerni rikorrenti qeghdin iressqu t-talbiet, kif fuq elekati ghas-segwenti ragunijiet (in succint);

- Illi ma hemm ebda prova tangibbli tal-hekk msejjha danni prezenti u futuri;
- Illi fil-konfront ta' Mary Cyrile Lopez inhareg b'mod abuziv peress illi hija persoanlment mhix parti minn din il-vertenza;
- Illi bil-Mandat jintlaqtu impjegati tal-kumpannija u hemm riskju illi ma jithallsux is-salarji taghhom, u jekk titlef l-impjegati, titlef ukoll is-sekwestranta illi hija direttur tal-kumpannija;
- Illi biex thallasu il-pagi sa issa, ir-rikorrenti gja kellha tissellef flejjes hi;
- Illi l-artikolu 381(1) tal-KAP 12 ma jippermettix illi jinhareg Mandat ta' Sekwestru fuq salarji u bonuses;
- Illi l-artikolu 381(4) tal-KAP 12 jimpedixxi mandati kontra principal li jolqot pagi tal-haddiema;
- Illi bil-mandat, ir-rikorrenti lanqas tista' tibqa' tiggestixxi l-operat tal-kumpannija;
- Illi fuq kollox, ir-rikorrenti qed tirrispingi l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront taghha;
- Illi fuq kollox l-ammont riklamat ma hux prima facie gustifikat u ghalhekk ma hux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh ai termini tal-Artikolu 836(1)(d).

**Il-Qorti ser tibda' biex tghid illi hija mhi ser tesprima ruha b'ebda mod fuq il-mertu tal-vertenza li hemm bejn il-kontendenti fil-procedura 17/2023 ISB u xejn minn dak li jinghad f'dan id-digriet ma ghandu jfisser jew jigi interpretat illi jfisser xi espressjoni fuq il-mertu ta' dik il-vertenza. Il-Qorti qed tillimita lilha nniffisha ghall-atti tar-Rikors ghar-revoka odjern fit-termini ta' dak li trid il-ligi.**

Fil-fatt, fi procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun trid taghti provvediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li tkun ghad tigi trattata jew tkun qed tigi hekk trattata quddiemha u tkun trid tigi deciza minnha fil waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha. Ghalhekk, m`ghandha taghmel ebda konsiderazzjoni li tixref jew li tolqot il-mertu izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob ir-revoka *in toto jew in parte* tal-Mandat.[1]

Il-qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji ewlenin:

[1] **Conrad Borg vs De La Rue Currency Print Limited et** 15.07.2018; u **Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et** 10.05.2021

a) illi d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b`leggerezza;

b) illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti[2].

Fl-isfond ta' dawn l-insenjamenti, ser jigu issa kkundridrati it-talbiet tar-rikorrenti.

- **L-ewwel talba**

Il-Qorti tqis illi gja la darba hemm dikjarazzjoni cara u espressa tal-istess rikorrenti illi l-kumpannija waqqfet tiffunzjona fil-bidu ta' Gunju 2023, allura huwa superfluwu illi jigi mistharreg dak li tallega hi stess u l-pretensjonijiet taghha fir-rigward tas-salarji tal-haddiema, peress illi gja la darba l-kumpannija waqfet topera, salarji x'jithallsu ma ghandiex.

**Dwar l-ewwel talba**, ghalhekk, dik koncernanti l-Artikoli 381(1) u 381(4) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din ser tigi michuda.

- **It-tieni talba**

Il-Qorti tghaddi issa biex tqis jekk l-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju hux *prima facie* ġustifikat jew jekk hux eċċessiv.

Il-Qorti tibda biex tqis illi l-allegazzjonijiet li saru mis-sekwestranti fir-rikors taghha huma serji hafna u fuq livell *prima facie* certament illi mhux barra minn loku illi persuna tikkawtela l-pretensjonijiet taghha fir-rigward ta' allegazzjonijiet bhal dawk.

B'dana kollu irid jigi nnutat illi mid-*draft accounts* pprovduti, jirrizulta illi l-qligh nett tal-kumpannija ghas-sena 2022 kien ta' madwar seba' u tletin elef Euro (€37,000), li tenut kont il-fatt illi l-kumpannija hija ta' zewg socji f'ismha ugwali bejniethom, allura ifisser illi sehem kull socju huwa ta' madwar tmintax il-elf Euro (€18,000).

Inoltre` irid jitqies illi, kif hawn fuq premess, il-kumpannija jidher illi waqqfet topera f'nofs din is-sena kurrenti.

[2] **Mercieca vs Galea** 29/11/2001; **Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited** 05/06/2007

Il-Qorti tqis ghalhekk illi s-<u>somma</u> illi l-Mandat jikkawtela huwa wiehed eccessiv.

Huwa ghalhekk illi t-talba tar-rikorrenti a bazi tal-Artikolu 836(1)(d) ser tkun milqugha *in parte* u l-Qorti ser tordna riduzzjoni fl-ammont kawtelat bil-Mandat ta’ Sekwestru *de quo* b’erbghin elf Euro (€40,000) sabiex b’hekk tirriduci s-somma kawtelata bl-istess Mandat ta’ Sekwestru 394/2023 minn sebghin elf Euro (€70,000) ghal **tletin elf Euro (€30,000)**.

**<u>Dwar it-tieni talba</u>**, ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-**Artiklu 836 sub-inciz (1)(d) tal-KAP 12,** il-Qorti qed tilqa’ t-talba *in parte* u tirriduci l-ammont kawtelat minn sebghin elf Euro (€70,000) ghal **tletin elf Euro (€30,000)**.

- **It-tielet talba**

Peress illi t-talba precedenti ma gietx milqugha *in toto* imma biss *in parte*, il-Qorti ser tghaddi biex tichad **<u>it-tielet talba</u>**, b’dan illi tordna pero` illi kwalsiasi fondi mizmuma mis-Sekwestratarji jew addirittura depozitati jridu jkunu jirriflettu l-ammont kawtelat kif emendat u mibdul.

- **Ir-raba’ talba**

Dwar **<u>ir-raba’ talba</u>**, il-Qorti tifhem illi l-kawza maghmula kostestwalment mar-rikors ghall-hrug tal-Mandat de quo, hija kontemplata fl-Artikolu 402 tal-KAP 386, u kif ighid espressament l-Artikolu 402(3)(f), rinfaccjata b’talba ghad-danni u/jew telf ta’ qligh, il-Qorti tista’ *tipprovdi għall-ħlas ta’ kumpens <u>minn dik il-persuna</u> li tista’ tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni*.

Fl-isfond ta’ dan ghalhekk, il-Qorti tqis gustifikat illi s-sekwestranta tikkawtela l-pretensjonijiet taghha fil-konfront anke tas-sekwestrata personalment, u l-Qorti sejra ghalhekk **tichad ukoll ir-raba’ talba** maghmula peress illi huwa f’loku illi l-Mandat jinzamm ferm, anke jekk kif issa emendat u ridott, fil-konfront tas-sekwestrata personalment.

- **Il-hames talba**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti sabiex tordna lis-sekwestrant taghti garanzija xierqa ai temrini tal-Artikolu 838A tal-KAP 12, li ighid espressament hekk:

*Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

Kif gja kellha okkazjoni tesprimi ruha din il-Qorti diversament preseduta:

*Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*

*Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat.*

*Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn.*[3]

Issa din il-Qorti ċaħdet talba tar-rikorrent ezekutat għat-tħassir *in toto* tal-Mandat u ghalhekk sejra tistharreg din it-talba alternattiva mressqa mill-istess rikorrenti.

Irid qabel xejn jinghad illi d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mill-liġi għal tali likwidazzjoni. Di

[3] **Jamar Malta Ltd vs office Group Ltd** 10 ta` Awissu 2012

piu`, illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni - l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti la semmiet raġuni tajba biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti tqis jekk għandhiex torbot lill-eżekutanti intimati bl-għoti ta' garanzija kif irid l-imsemmi artikolu u lanqas ma' tressqu l-icken provi li jistghu jikkonvincu lill-qorti illi r-rikorrenti ezekutati qeghdin isofru xi danni u/jew spejjes.

Anzi, irid jinghad illi mid-draft accounts pprezentati mir-rikorrenti stess, jirrizulta illi l-kumpannija (li taghha l-partijiet huma l-*ultimate beneficial owners* fi kwoti ugwali) ghandha assi fl-ammont ta' kwazi mitt elef Euro. Dan jista' biss jimmina il-htiega ghal talba bhal din. Aktar minn hekk, issa b'dan id-digriet l-ammont kawtelat gie ridott sostanzjalment.

**Il-Qorti sejra ghalhekk tichad ukoll il-hames talba maghmula mir-rikorrenti.**

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi **TILQA'** it-tieni t-talba *in parte* u tirriduci l-ammont kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 394/2023 minn sebghin elf Euro (€70,000) ghal **tletin elf Euro (€30,000)**, filwaqt illi **TICHAD** il-bqija tat-talbiet.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti thoss illi kull parti ghandha thallas l-ispejjes rispettivi taghha.

**Digriet moghti in camera, illum, l-Erbgha, 5 ta' Lulju 2023.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Onor. Imhallef** | **Deputat Registratur** |